MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 332/2009/1

**Talba Numru: 332/2009/YMS fl-ismijiet: -**

**B4 Textiles Company Ltd (C 8858)**

**vs**

**Joseph Abela (ID 400857 M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-3 ta' Marzu 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

***Ra** li din hi talba fejn is-socjeta' attrici qeghda titlob il-kundanna tal-konvenut debitur ghall-hlas ta' €3,215.00 bilanc minn somma ikbar rapprezentanti ghamara ordnata*

*mill-konvenut stess f'Awwissu 2008 (dokumenti mmarkati "B4 1" u "B4 2").*

*Illi l-konvenut ghamel tul ta' zmien jirrifjuta li parti mill-ghamara ordnata minnu fuq specifikazzjonijiet tieghu tigi kkonsenjata lilu u dan b'inkonvenjent kbir ghas-socjeta' attrici li kellhom u ghadhom izommu l-istess ghamara mahzuna.*

*Illi fil-fatt recentement l-konvenut f'daqqa wahda u dan xhur wara li saret l-ordni u meta effettivament l-ghamara kienet diga` qieghda Malta, hu informa lill-istess socjeta` attrici li hu qed ihassar l-ordni.*

*Illi ghad li s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi sabiex ihallas l-imsemmi ammont u jiehu l-konsenja tal-ghamara ordnata minnu anki wara li gie interpellat b'ittra legali datata 13 ta' Jannar 2009 (Dok "JA 1") u ittra ufficjali datata 11 ta' Frar 2009 (Dok "JA 2") huwa baqa' inadempjenti.*

*Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba inkluzi tal-ittri fuq imsemmija, kif ukoll bl-imghaxijiet legali bl-ghola rata ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

**Ra** *li l-Intimat wiegeb b'risposta u maghha zied kontro-talba. Fil-bidu tar-risposta hemm punt ta' xejra procedurali u fl-ahhar nett zdiedet il-kontro-talba.*

*Ir-**Risposta** hi formulata kif gej:-*

*Il-konvenut jikkontendi illi din it-talba saret kontra Joseph Abela wahdu, talba li kellha ssir fil-konfront ta' Joseph Abela u martu kemm minhabba li l-ordni saret minnhom it-tnejn flimkien, kif ukoll minhabba li bejniethom tezisti l-kommunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant tali talba hija difettuza fil-forma taghha, difett li jirrendi tali talba nulla u bla effett.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-konvenut ma jaqbilx ma dak li qieghed jigi allegat mis-socjeta` attrici*

*stante illi l-konvenut qatt ma rrifjuta l-konsenja tal-ghamara ordnata minnu u minn martu fiz-zmien meta kellha ssir l-konsenja;*

*Illi fil-fatt il-konvenut u martu kellhom bzonn il-kamra tas-sodda ordnata minnhom kemm jista jkun malajr u qatt ma taw struzzjonijiet lis-socjeta` attrici sabiex ittawwal il-konsenja taghha;*

*Illi s-socjeta` attrici ntrabtet li tqassam l-ghamara ordnata mhux aktar tard mill-ahhar tas-sena 2008;*

*Illi s-socjeta` attrici qassmet parti mill-ghamara ordnata pero` mhux il-kamra tas-sodda fiz-zmien miftiehem u dan minhabba illi din kienet ghada ma waslitx minn barra;*

*Illi kien biss wara li skada z-zmien li fiha kellha titqassam il-kamra tas-sodda u peress illi din kienet ghadha ma waslitx minn barra li l-konvenut u martu nfurmaw lis-socjeta` attrici li ma setax jistenna aktar u li ma riedx l-ghamara ordnata;*

*Illi s-socjeta` attrici permezz tal-legali taghha interpellat lill-konvenut sabiex ihallas il-valur tal-ghamara ordnata kemm b'ittra legali kif ukoll b'ittra ufficjali taht l-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra l-konvenut irrisponda fi zmien 30 gurnata minn notifika.*

***Ra** li l-intimat hawn ghadda ghal-**Kontro talba** formulata hekk:*

*Illi s-socjeta` attrici ghandha f'idejha mitt ewro depozitu li l-konvenut hallas fuq il-kamra tas-sodda u li ghaldaqstant filwaqt li l-konvenut jirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` attrici stante li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jikkundanna s-socjeta' attrici thallas il-mitt ewro depozitu bl-imghaxijiet skont il-ligi flimkien mal-ispejjes tan-nota tas-27 ta' Frar 2009 fl-atti tal-ittra uffijcali taht l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bid-data tas-6 ta' Frar 2009 mis-socjeta` attrici kontra l-konvenut. Bl-ispejjes gudizzjarji relattivi ghal din*

*it-talba kontra s-socjeta` attrici li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.*

***Ra** r-**Risposta** tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba kif gej:-*

*1. Illi s-socjeta' attrici tichad kategorikament il-fatti kif esposti mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu.*

*2. Illi fir-rigward tad-difett fit-talba, l-ordni tal-ghamara u t-trattattivi kollha saru mill-konvenut wahdu, tant li l-ordni tal-ghamara innifisha saret mill-konvenut wahdu.*

*3. Illi huwa minnu li s-socjeta' attrici fadlilha mitt ewro (€100) depositati ghandha bhala parti minn depositu akbar fuq ordni ta' ghamara kif indikat fit-talba tas-socjeta` attrici u li propju dwar dan is-socjeta` attrici qed thossha aggravata.*

*4. Illi l-konvenut qarraq sfaccatament lir-rappresentanti tas-socjeta` attrici meta l-ewwel ordna kwantita` ta' ghamara kif elenkata fl-ordni, u meta din waslet minn barra f'Novembru 2008 hu ghall-ewwel talab li tigi konsenjata biss wall unit u sussegwentement f'Jannar 2009 informa lis-socjeta' attrici li l-kumplament tal-ghamara ma ridhiex.*

*5. Illi fil-fatt l-ghamara ordnata mill-konvenut waslet minn barra kollha f'daqqa fit-22 ta' Ottubru 2008 (Dok B4 A,B,C,D,E) kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenut u l-appuntament ghall-konsenja tal-ghamara sar ghall-20 ta' Novembru 2008 (Dok B4F)*

*6. Illi l-konvenut ivvinta (issa tista' tinghad din il-kelma) hafna skuzi biex parti mill-ghamara ma tigix konsenjata fosthom li gherqitlu d-dar.*

*7. Illi fil-fatt ma jaghmilx sens li s-socjeta' attrici taghti zewg dati ta' konsenja ghall-istess ordni u fil-kaz de quo dan sar biss fuq insistenza tal-konvenut stess.*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' attrici tirrespingi t-talbiet kollha tal-konvenut u titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas €3,215.00 bilanc minn somma ikbar rapprezentanti ghamara ordnata minnu stess.*

***Ra** li dwar il-kwistjoni bejn il-kontendenti kien hemm proceduri ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju (1298/2009) mitlub mis-socjeta' rikorrenti B4 Textiles Co Ltd, u milqugh b'degriet tat-28 ta' April 2009 mil-Qorti tal-Magistrati (Malta). Din il-qorti, b'sentenza tat-3 ta' Awwissu 2009 cahdet it-talba ta' Joseph Abela ghar-revoka tal-imsemmi Mandat u talbiet ohra **bl-ispejjes jibqghu riservati u jigu decizi fil-kawza li tinvolvi l-mertu.***

***Ra** li l-Qorti tal-Magistrati qalet, fis-sentenza msemmija li ma kinetx ser tezamina u tanalizza l-provi in konnessjoni mal-mertu. (sottolinear ta' dik il-Qorti)*

***IT-TRIBUNAL***

***Ra** li kien floku li jinghata dan l-isfond sew minhabba l-kap tal-ispejjez imsemmi f'dik is-sentenza kif ukoll ghax b'rikors prezentat fit-18 ta' Awwissu 2009, Claude Buhagiar ghal B4 Textiles Co Ltd. ghamel riferenza ghall-atti tal-Mandat ta' Sekwestru msemmi u*

*a) Qal li hafna mill-provi li tressqu fil-kaz tal-Mandat imsemmi "ser jitressqu quddiem dan it-tribunal in konnessjoni mal-mertu tal-kawza", u*

*b) Ikun ferm utli ghal dan it-Tribunal li "l-atti kollha tar-rikors*
*fuq imsemmi jizdiedu mal-korp tal-provi li jitressqu mis-Socjeta' rikorrenti u dan sbaiex jigi evitat hela ta' hin u ripetizzjoni tal-provi u xhieda dwar l-istess kas" – ara fol 39.*

***Ra** li b'degriet ta' dan it-Tribunal tal-1 ta' Settembru 2009 gie ordnat li l-atti tar-rikors nru 203/2009 fl-atti tal-Mandat*

*ta' Sekwestru nru 1298/2009 jigu nseriti fl-atti ta' din il-kawza.*

***XHIEDA***

*It-TRIBUNAL*

**Ra** *li l-provi mressqa quddiemu apparti d-dokumenti esibiti huma hekk:-*

*F'dan it-Tribunal*

*1) Affidavit ta' Joseph Abela – Dok JA1 (fol 47 et seq)*

*2) Affidavit ta' martu Norma Maria Abela – Dok JA2 (fol 50 et seq)*

*3) Affidavit ta' binthom Cassandra Abela – Dok JA 3 (fol 52)*

*Fil-Qorti tal-Magistrati*

*1) Xhieda ta' Joseph Abela (fol 34 et seq) tal-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati*

*2) Xhieda ta' Norma Mario Abela (fol 40 et seq ibid)*

*3) Xhieda ta' Claude Buhagiar ghal B4 Textiles Co Ltd (fol 44 et seq ibid)*

*4) Xhieda ta' Ronald Attard, salesman ma B4 Textiles Co Ltd (fol 60 et seq ibid)*

*5) Claude Buhagiar, riprodott biex jitkompla l-kontroezami (fol 65 ibid)*

***PROVI***

*A1.* ***Claude Buhagiar****, ghal B4 Textiles Co Ltd qal li minn dokumenti esibiti jirrizultalu li f'Awwissu 2008 il-konjugi Abela marru ghandhom u r-ragel ordna wall unit (gieli ssejhet living room) u karma tas-sodda. Wara xahar zied*

*ordna sufan. Tkellmu mas-salesman Ronald Attard. Wara ftit granet giet kancellata l-ordni ghas-sufan u kien hawn li dahal hu. Dak kollu ordnat kellu jigi mill-Italja. Mal-ordni sar depozitu ta' €900.*

*2. L-Italja jircievu depozitu mal-ordni, u l-prezz kollu mat-tluq tal-ghamara minghandhom. Fir-rigward, il-"packaging list" hi datata 21 ta' Ottubru 2008 u din tkun id-data tat-tluq mill-Italja. L-ghamara waslet Malta fit-22 ta' Ottubru 2008 (a fol 51, process Qorti tal-Magistrati). Ix-xhud dlonk cempel lil Joseph Abela u dan qallu johdulu l-wall unit biss u ma jibghatulux il-kamra tas-sodda ghax kellu xi kamra mhux lesta.*

*3. Biex issir il-konsenja minn nies tieghu, hu johorgilhom "delivery report" u dak relativ hu datat 20 ta' Novembru 2008 (a fol 40 ibid). Mhux soltu li jikkonsenjaw bicca mill-ordni li tkun f'idejhom izda f'dal-kaz sar hekk, ghax hekk xtaq Abela. Dana minkejja l-fatt li fid-"delivery note", imnizzla mill-computer, tissemma l-ordni kollha. Din id-"delivery note" kienet firmata minn Joseph Abela. Hemm ukoll il-firma tad-delivery man, wara l-kliem "not paid" (a fol 55 u 56, ibid). Il-wall unit konsenjata kienet tiswa aktar mid-€900 depozitu. Joseph Abela ma hallasx il-bilanc ta' €100 dak il-hin, izda wara xi jumejn.*

*4. Abela ma kien ghamel ebda kancellament dwar il-kamra tas-sodda. Biss fl-okkazjoni tal-kunsenja tal-wall unit hu qallu:*

*"isma jien bhalissa maghfus u allura aqtaghli l-elf ewro deposit mill-prezz tal-living room. Jien ghidtlu li ma nistax naghmel hekk peress li kelli l-ghamara kollha u ga hallast (omissis). Hawnhekk qatt ma semmieli s'issa li ma riedx il-kamra tas-sodda"*

*5. Wara diversi telefonati mix-xhud biex issir il-kunsenja tal-kamra tas-sodda, Abela qal ghall-ahhar ta' Dicembru 2009 gherqitlu d-dar.*

*6. Mar darb'ohra f'Jannar 2009 u gab l-iskuza li kien xtara karozza lit-tifla. Din id-darba kien akkumpanjat minn*

*martu, bintu u l-gharus ta' din. Ghalkemm l-ghamara ordnata kienet storjata l-Fgura, hu urihom ohra bhala ghax issemma' li t-tifla kienet ser tiehu l-ghamara. Hawn Abela osserva li l-gwardarobba kienet kbira wisq ghall-post tat-tifla. Ix-xhud kompla:*

*"Dak il-hin irrimarkajtlu u enfasizzajtlu li l-kamra tas-sodda kienet diga waslet; qalli dak il-hin b'certa suppervja, isma' l-kamra tas-sodda ma rridhiex, u kulhadd telaq 'l barra"*

*B1.* ***Ronald Attard*** *qal li Abela kien mar ghandhom fil-hanut tal-Fgura u hu wrieh il-katalogu. Ghogbuh kamra tas-sodda u living room. It-tieni darba ordnaw il-kamra tas-sodda u ghamara biex titpogga fil-living room. Xi xahar wara, mar ir-ragel wahdu u ordna s-sufan izda aktar tard hassar l-ordni.*

*2. Abela eventwalment hallas id-depozitu fuq l-ordni originali u hu ghadda l-ordni lill-kumpanija Taljana GR; giet il-"proforma" minn barra, hu ccekkja item wara iehor, u kkonferma l-ordni.*

*Eventwalment l-ghamara waslet Malta kif minnu miftiehem u l-kunsenja lil Abela kellha ssir f'Dicembru. Impjegata, Rosalie (inkarikata mill-appuntamenti) gharrfet lil Joseph Abela bil-waslien tal-ordni shieha. Billi qabel il-waslien Abela kien imur ta' sikwiet il-hanut seta gara li x-xhud stess infurmah bil-waslien tal-ghamara.*

*3. Darba Abela staqsieh setax jigi kunsenjat l-ewwel il-wall unit u hekk sar. Talbu depozitu fuq il-kamra tas-sodda (li kienet ga Malta) pero wera x-xewqa kuntrarja. Fil-fatt mal-unit ikkonsenjawlu roller blind li hallas taghha mill-bilanc wara li kien kopert il-prezz tal-unit. Claude Buhagiar kien prezenti f'din l-okkazjoni.*

*4. Mid-dokumenti a fol 16 tal-process tal-Qorti tal-Magistrati (il-kwistjoni tal-Mandat ta' Sekwestru) sata' jippreciza li l-ordni saret fis-26 ta' Awwissu 2008 u l-ghamara kellha tasal fil-31 ta' Dicembru 2008.* ***Din id-data tfisser meta l-klijent ikun xtaq li l-ghamara tasal u tkun***

***konsenjata lilu*** *(Enfasi tat-Tribunal). Meta cemplulu Abela ha mill-ewwel il-unit*

*5. Ghalkemm ma jistax jghid bi precizjoni l-procedura hi li l-klijent jigi mgharraf bil-waslien tal-ghamara meta dan isir maghruf lilhom mix-shipping department. Hu ma kienx jaf mill-ewwel li l-kamra tas-sodda kienet ghat-tifla. Kien quddiemu li Joseph Abela kien qal lil Claude Buhagiar li kien xtara lit-tifla karozza u nefaq €6,000.*

*6. Ix-xhud kompla li kien meta sar jaf minghand Joseph Abela li ma riedx ihallas depozitu ulterjuri li "xammejt xi haga" u gharraf lil Claude Buhagiar.*

*C1.* ***Joseph Abela*** *qal b'affidavit fl-atti tat-Tribunal (fol 47 et seq) li kien mar ma martu fix-showroom tas-socjeta' Rikorrenti fil-Fgura jara l-ghamara u wara mar ma martu. Ordnaw il-unit u l-kamra tas-sodda li kienet tiswa' xi €3,300. Tal-wall unit kien, fl-ewwel zjara, intalab xi €1,500. Intalab depozitu u hallas €1,000 permezz tal-cashlink u €500 b'cekk. It-tnejn kienu joint account ma martu "u t-tnejn li ahna ordnajna din l-ghamara."*

*2. Xi gimghatejn qabel il-Milied cemplulu li waslet l-ghamara u l-haddiema li ntbaghtu wahhlu l-unit. Haddiem minnhom qallu li mill-karti kien jirrizulta li kien ordna wkoll kamra tas-sodda. Ix-xhud qabel u l-haddiem ma kienx jaf ghala ma gietx il-kamra tas-sodda wkoll. Abela ffirma ghall-kunsenja tal-unit. Hu mar biex ihallas u jistaqsi ghala ma gietx il-kamra tas-sodda ghax hu kien qed jorqod fl-art. Kellem sew lil Attard kif ukoll lil Buhagiar. Fakkar lil dan li din kellha tkun ghandu sa gimghatejn qabel il-Milied. Buhagiar qallu li kienet ser tkun ghandu sal-ewwel gimgha ta' Jannar 2009. Dak il-hin, wara li hallas tal-unit u tal-blinds hallas (kif mitlub minn Buhagiar) €100 depozitu fuq il-kamra tas-sodda. It-tnejn li ssemmew kienu, meta jistaqsi, jghidulu li l-kamra tas-sodda ghadha ma waslitx.*

*3. Il-kamra baqghet ma waslitx. Bintu Cassandra kellha bzonn wahda u mar fix-showroom flimkien ma martu, bintu u n-namrat ta' din. Lil Claude qallu li jekk il-kamra kienet ghadha ma waslietx, ma ridhiex u ma kienux ser*

*jistennew aktar. Biex jirranga s-sitwazzjoni qal lil Claude li bintu kellha bzonn xi ghamara ohra u jekk jaccetta kienet tixtriha minghandu, izda ma riedx u qalilhom li kien ser iqabbad avukat. Martu qaltlu li hi u hierga Claude qalilha li l-kamra kien ilha sentejn fli store u r-reazzjoni tieghu kienet "mela ghalfejn ma gabhiex?"*

*D1.* ***Norma Maria Abela****, mart Joseph, ipprezentat l-affidavit taghha, li hu a fol et seq tal-inkartament tat-Tribunal u fih tenniet dak li fih l-affidavit ta' zewgha.*

*E1.* ***Cassandra Abela****, bint il-konjugi Abela ikkonfermat dak li qalu ommha u missierha safejn kien jikkoncerna lilha.*

***KONSIDERAZZJONIJIET***

***It-Tribunal*** *l-ewwel ma ser jikkunsidra hi l-eccezzjoni mqajma mill-Intimat Joseph Abela illi t-talba kellha ssir fil-konfront sew tieghu u sew ta' martu "kemm minhabba li din saret minnhom it-tnejn flimkien kif ukoll minhabba li bejniethom tezisti l-kommunjoni tal-Akkwisti."*

*Hawnhekk it-Tribunal josserva li ghalkemm Mrs Abela kienet taf x'inhu ghaddej, fid-Dokument tal-Ordni, Order No FGR 25990 a fol 16 tal-Inkartament tal-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru (Qorti tal-Magistrati) jidher biss Abela Joseph u hemm biss il-****firma tieghu*** *bil-KI 400857 M. Id-"Delivery Note" (a fol 55/56 ibid) hi firmata wkoll minn Joseph Abela wahdu. Il-fatt li Joseph Abela xehed li hu dik il-parti li hallas hallasha minn cashlink u cekk li huma joint account ma martu ma jwasslu ghal ebda konkluzzjoni. Oltre dan, l-akkwist in kwistjoni mhux tant akkwist staordinarju u piz fuq il-komunjoni tali li bilfors kellha tiddahhal Mrs Abela. Wara kollox, meta accetta l-unit u (li kienet parti-ntegrali tal-Ordni minnu fermata) u anke sa certu punt fl-istess kuntest xtara u gabulu l-blinds, ma qal xejn. Ghalhekk it-Tribunal ma jqisx bhala flokha din l-eccezzjoni.*

***It-Tribunal*** *issa jghaddi biex iqis il-MERTU. Hawn jikunsidra kif gej:-*

*i) In-negozju in kwistjoni kien jikkonsisti filli s-socjeta' rikorrenti tbiegh unit u kamra tas-sodda lil Joseph Abela u dan minn naha tieghu jixtri dawn l-oggetti u jhallas taghhom.*

*ii) Joseph Abela kien jaf li dawn l-oggetti kienu riedu jigu mill-Italja u l-ordni kienet* ***wahda****.*

*iii) Jirrizulta li l-€100 depozitu li thallas fil-bidu ma kienx unikament ghall-prezz tal-unit.*

*iv) Ta min jinnota li waqt li Joseph Abela isemmi li l-ewwel kuntatt mas-socjeta' rikorrenti sar f'Settembru 2008, jirrizulta b'mod* ***dokumentat*** *li s-socjeta' attrici ghamlet l-ordni shieha lis-socjeta' Taljana fis-****26 ta' Awwissu 2008*** *(fol 16 tal-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru) u rrizulta wkoll li l-"packing list" hi datata 17 ta' Ottubru 2008 u d-data tal-waslien f'Malta kienet it-22 ta' Ottubru 2008 (ara n-Notice of Arrival tal-Express Trailers, a fol 53 fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru)*

*v) Id-"Delivery Note" cioe meta giet konsenjat il-wall unit hi datata 19.11.2008 (fol 55 ibid) u din iggib il-firma ta' Joseph Abela apparti ta' min mar bil-konsenja u li nizzel NOT PAID ghax Abela mar hallas wara fix-"showroom".*

*vi) Issa hawn nigu ghall-kwistjoni li (a) is-socjeta' attrici ikkunsenjat biss il-unit ghax hekk ried Abela; dan minkejja li l-ordni kollha kienet ghand is-socjeta' rikorrenti u dan hu dovut ghax Abela semma' diffikultajiet finanzjarji; u (b) il-membri tal-familja Abela qalu li l-kamra tas-sodda ma kienetx Malta u dana sa Jannar 2009 tant li huma ddejqu u kkancellaw l-ordni u meta offrew li minflok binthom tiehu xi haga ohra Claude Buhagiar irrifjuta u ried isostni li* ***tigi osservata l-ordni originali****.*

*vii) L-ewwel kuntatt bl-avukat li sar minn naha tas-socjeta' rikorrenti kien permezz ta' ittra tal-Avukat Geoffrey Mifsud Farrugia* ***datata 14 ta' Jannar 2009*** *u din tghid, inter alia "il-mittent jarga jigbidlek l-attenzjoni, kif diga` ghamel diversi drabi u ilha fli stores tal-mittenti tliet xhur"*

***IT-TRIBUNAL***

***Ra** dak kollu mfisser hawn fuq u jasal ghall-konkluzjoni li l-versjoni tal-fatti moghtija mis-socjeta' rikorrenti hi aktar ta' min joqghod fuqha anke fuq il-principju ta' id quod plerumque accidit. L-ordni kollha, u **mhux bicca**, kienet hawn Malta f'Novembru 2008 u negozjant li jrid ibiegh ifittex li jikkunsenja l-haga kemm jista jkun malajr biex idahhal flusu. Iktar u iktar meta in-negozjant Malti jkun ga baghat flus lil dak ta' barra li minghandu tkun originat il-haga.*

***DECIZJONI***

***It-Tribunal** jiddeciedi billi*

*a) Jichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-Intimat Joseph Abela ghal dak mitlub quddiem dan it-TRIBUNAL bir-Rikors 332/09*

*b) Jilqa' dak li talbet is-Socjeta' rikorrenti u jikkundanna lill-Intimat Joseph Abela ihallasha s-somma ta' €3,215 kif mitluba.*

*c) Is-socjeta' trid tikkunsenja lil Joseph Abela il-kamra tas-sodda ordnata fl-istess waqt li jithallas il-quantum kollu dovut kif hawn imfisser.*

*d) Jichad it-talba ta' Joseph Abela fil-KONTRO-TALBA*

*e) Jikkundanna lil Joseph Abela ihallas l-ispejjes sew tar-Rikors 332/09 kif ukoll tal-kontro-talba.*

*f) Jikkundanna lil Joseph Abela ihallas l-ispejjes li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1298/2009 bl-ismijiet B4 Textiles Co Ltd C8858 vs Joseph Abela KI 400857 M u moghtija fit-3 ta' Awwissu 2009 halliet li jigu decizi fil-kawza dwar il-mertu*
*jigifieri dik prezenti*

*g) Tikkundanna lil Joseph Abela li fuq il-quantum ta' tliet elef, mitejn u hmistax-il ewro €3,215.00c imsemmi jiddekorri l-imghax mis-16 ta' Frar 2009 jum li fih Joseph Abela gie notifikat b'ittra ufficjali ai termini tal-art 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta – ara fol 20 tal-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru - sal-jum tal-pagament effettiv."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Abela datat 23 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fil-konfront tal-istess konvenut appellant Joseph Abela, b'dan illi tichad it-talba attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-imghax legali u bl-ispejjez taz-zewgt istanzi, tal-mandat kawtelatorju u tal-procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta ta' Claude Buhagiar (ID 478574) f' isem is-socjeta` B4 Textiles Company Ltd (C8858) datata 30 ta' Marzu 2011 a fol 14 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali kontra l-appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Kevin Azzopardi ghall-appellanti prezenti u Dr. Jeffrey Muscat ghas-socjeta` appellata, Ronald Attard rapprezentant tal-istess socjeta`. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) li t-talba kellha ssir kemm fil-konfront tal-appellat u wkoll ta’ martu ghaliex dan huwa hlas li kellu jsir mill-komunjoni tal-akkwisti; (b) li sar apprezzament hazin tal-provi ghaliex l-ghamara kellha tigi kkonsenjata sal-ahhar ta’ Dicembru 2008 u la darba dan ma sarx mela allura ai termini tal-**artikolu 1385 tal-Kap. 16** l-appellant kellu d-dritt jirrexindi l-kuntratt, u dan ghaliex jidher li mill-provi il-konsenja setghet issir biss mill-14 ta’ Jannar 2009 data tal-ittra legali mibghuta mis-socjeta’ appellata lill-appellant sabiex jiehu konsenja tal-kamra tas-sodda oggett tal-ftehim bejn il-partijiet.

Illi dwar l-ewwel punt jirrizulta li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar implicitament ikkonsidra x-xiri tal-ghamara ghall-uzu mill-familja tal-appellant bhala att ta’ amministrazzjoni ordinarja skond id-disposizzjonijiet tal**-artikolu 1322 (1) tal-Kap. 16,** u dan anke fid-dawl ta’ dak indikat fl-**artikolu 1322 (3) (g) tal-Kodici Civili,** u din il-Qorti ma thossx li dan huwa legalment korrett u allura huwa bizzejjed li titharrek wahda mill-partijiet mizzewga skond kif stipulat fl-**artikolu 1322 (1) tal-Kap. 16.** Dwar dan, kien hemm gja pronunzjament fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fir-rikors fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 1298/2009 fl-ismijiet **“B4 Textiles Co. Ltd. vs Joseph Abela”** (JAB – 3 ta’ Awwissu 2009). B’hekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju dan huwa dwar apprezzament ta’ provi li sar mill-istess Tribunal u fuq dan il-punt huwa maghruf li f’kazijiet ordinarji quddiem it-tribunal, din il-Qorti ma tindahalx hlief f’kazijiet eccezzjonali, u ghal motivi gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta’ l-ewwel tribunal fir-rigward tal-istess. Il-Qorti tat-tieni grad kellha biss taghmel dan jekk tkun sodisfatta illi altrimenti tigi kkawzata ngustizzja manifesta (**“J. Walker noe vs R. Pizzuto”** – A.C. 6 ta’ Ottubru 1999), li jfisser li jekk wara ri-konsiderazzjoni tal-atti kollha processwali jitnissel fiha l-konvinviment illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzjoni raggunta, l-Qorti ta’ revizjoni

kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anke tqghedha in disparte (**"Stephen Chircop vs Mary Grace Caruana"** (A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004).

Illi wara li din il-Qorti rat l-atti u l-provi kollha prodotti, thoss li fil-verita' l-istess Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghamel apprezzament tajjeb tal-provi, u wkoll immotiva sew id-decizjoni tieghu u l-provi kienu tali li l-apprezzament li sar minnu b'mod ezawrjenti huwa tali li l-istess Tribunal seta` jasal ghalih abbazi tax-xhieda u dokumenti quddiemu prodotti. Anzi iktar minn hekk din il-Qorti thoss li effettivament l-verzjoni tas-socjeta' appellanti hija iktar kredibbli, u wkoll hafna iktar versosimili, u dan meta jirrizulta car li l-ghamara kollha kienet waslet Malta qabel id-data tal-konsenja, u saru diversi tentattivi sabiex din tigi kkonsenjata, tant li fl-ittra legali tal-14 ta' Jannar 2009, imsemmija mill-istess appellant, s-socjeta' appellata gibditlu l-attenzjoni sabiex jiehu konsenja tal-ghamara ghaliex sa dak iz-zmien kienet ma saritx tali konsenja biss minhabba li l-appellant ma halliex li dan isir. Id-dokumenti esebiti jikkonfermaw it-tezi attrici u ma hemm dubju li f'dan ir-rispett l-istess socjeta' appellata sodisfatt l-oneru taghha ta' prova, u l-punti sollevati mill-appellant gew sew trattati u kkonsidrati mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar b'decizjoni motivata skond il-ligi. Dwar l-ilment dwar id-dokumenti esebiti espress mill-appellant fl-istess rikors odjern, fejn jidher li llum huwa qed jikkontesta l-veracita' taghhom, dan seta` ghamlu fl-ewwel istanza, izda dan ma sarx u certament la dan huwa l-kaz ma ghandux dan jigi kkunsidrat f'dan l-istadju tat-tieni istanza. B'hekk it-tieni aggravju qed jigi michud u allura qed jigi michud l-appell fl-intier tieghu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu datat 23 ta' Marzu 2011 ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u b'hekk din il-Qorti qed tikkonferma d-**

**decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "B4 Textiles Company Limited vs Joseph Abela" deciza fit-3 ta' Marzu 2011 (Talba Numru 332/2009/YMS) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Joseph Abela.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------